MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 309/2015

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Redeemer Degiorgio**
**(ID. 435293M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta' April, 2015 billi s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija tlieta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€423.20) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40185262 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati bhala Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali ta' Matla u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha issir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ erba’ mija tlieta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€423.20) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ erba’ mija tlieta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€423.20) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------